# WIED GOSAFAT

F'jum mhux imbiegħed (kemm nistgħu ndumu ngħixu?) kull maħluq, irid jew ma jridx, ikollu jħalli dan il-wied tad-dmugħ biex jidher quddiem Alla, imħallef ġust, u minnu jiġi ġudikat fuq il-għamil tajjeb jew ħażin tal-ħajja li għex. Dan hu l-ġudizzju partikulari. Imma barra minn dan il-ġudizzju partikulari, il-fidi nisranija turina ġudizzju ieħor, il-ġudizzju hekk imsejjaħ universali, li jitwettaq fl-aħħar taż-żminijiet meta wkoll il-ġisem jingħaqad mar-ruħ sabiex jaqsam magħha l-ferħ jew inniket.

Fejn se jsir dan il-ġudizzju universali? Naħseb li għal din il-mistoqsija kulħadd għalenija jwieġeb: Fil-Wied Josafat? Kif inħolqot din il-konvinzjoni? Hija domma ta' fidi? Hija verità sagrosanta mħażża fil-paġni ta' l-Iskrittura? Hija sempliċi tradizzjoni? Jew tista' tkun ukoll ħrafa? Se nfittxu nwieġbu għal dawn il-punti interrogattivi.

## WIED ĠOSAFAT

B'Wied Ġosafat aħna nifhmu dik in-naħa tal-wied, li minnu tgħaddi n-nixxiegħa taċ-Cedron, u li tinfirex bejn il-għolja ta' Ġerusalem u l-għolja taż-Żebbuġ. Hija msejħa wied, imma xejn m'għandha x'taqsam mal-widien l-oħra; la ssib ġonna mimlija bis-siġar tal-frott, la għelieqi jħaddru, u lanqas djar u rziezet imgħammra. L-ebda nixxiegħa ta' ilma safi u bnin li tiġri ma' tulu. Dan il-wied jixbah ħafna lil xi fondoq ta' bejn l-irdumijiet, mimli ġebel li qisu waqa' miż-żewġ naħiet tal-għoljiet, u aktar jixbah lil xi biċċa deżert maħruqa mill-qilla tax-xemx tiżreġ tal-Palestina.

Biex dan il-wied ikompli jilbes id-dehra waħxija tiegħu, huwa maqsum minn nixxiegħa taċ-Cedron, nixxiegħa sewda ta' ilma, miġbur mill-ħmieġ tal-belt ta' Ġerusalem, li jerħi riħa tinten, u li tkabbar f'dak li jkun id-dwejjaq tal-qagħda tiegħu f'dawk l-inħawi. Il-wied la hu sabiħ bi nhar meta x-xemx ta' Ġerusalem tagħti ħajja lil kull ħaġa qadima li biha tiftaħar il-belt Musulmana, u lanqas bil-lejl meta d-dlamijiet jagħtu lill-ħwejjeġ dehra ta' mostri u kollox isir misteru li ma tistax tfisser.

F'dan il-wied hemm ħaġa għal kollox partikulari: il-kwantità ta' oqbra, kemm Lhud u kemm Misilmin, mibnija minn dawn il-ġnus bil ħsieb li fil-ġudizzju universali, mad-daqq tat-tromba ta' l-anġli, il-mejtin iqumu u jsibu rwieħhom malajr f'dan il-wied.

Irridu nżidu li l-oqbra huma kollha mkissra u mfarrka, mhux biss mill-mogħdija taż-żmien, li kollox itertaq, imma ħafna drabi mill-mibegħda faħxija ta' qalb il-bniedem, kif ġara fl-1948, meta l-Għarab kissru matul il gwerra l-oqbra tal-Lhud. Erba' mill-oqbra ewlenin għandhom isem: il-qabar ta' Assalonne, S. Josafat, S. Ġakmu u S. Zakkarija. Imma l-ebda wieħed minn dawn il-persunaġġi ma ġie qatt midfun fihom.

## WIED ĠOSAFAT U L-PROFETA JOELE

L-isem ta' **Wied Josafat** insibuh għall-ewwel darba fil-ktieb tal-Profeta Joel (IV, 1-2, u 12): "Għaliex ara, f'dawk il-jiem u f'dak iż-żmien, meta nreġġa' għal li kienu 'l Ġuda u 'l Ġerusalem, niġma' l-ġnus kollha u nniżżilhom Wied Josafat, u hemm nagħmel ħaqq minnhom minħabba l-poplu tiegħi u wirti Iżrael, li huma xerrdu qalb il-ġnus u qasmu arti . . . Ħa jqumu l-ġnus kollha u jerħulha lejn Wied Josafat, għax hemm noqgħod biex nagħmel ħaqq mill-ġnus kollha dawramejt."

X'ried jifhem il-Profeta Joel b'dan il-kliem? Żgur li ma riedx jitkellem minn ġudizzju universali, imma minn ġudizzju li Alla jagħmel minn dawk il-ġnus li ħaqru l-poplu ta' Iżrael. U biex inkunu aktar eżatti, skond l-aħħar fehmiet tal-għorrief, il-Profeta Joel x'aktarx ried jifhem dik il-moħqrija li ġarret mill-poplu Lhudi meta fis-seklu V Qabel Kristu ġie mxerred ma' kullimkien, f'ħin li dan il-poplu ma setax jiddefendi ruħu, għax bla saħħa, għax mingħajr alleati, għax fqir għall-aħħar.

Mela l-Profeta bil-kliem **Wied Josafat** ma riedx jifhem isem ta' wied, imma uża l-espressjoni Ebrajka Wied Josafat, li tfisser **Alla jiġġudika**. Ried igħid li l-ġudizzju jsir minn Alla li jiġġudika.

Joel jitkellem minn dan il-wied tal-ġudizzju t'Alla bħala wied **wiesa;** is-sa Wied Josafat dejjem ġie msejjaħ **nakkar,** jiġifieri dejjaq, għax tassew Wied Josafat huwa dejjaq għall-aħħar.

Terġa' l-wied ta' Cedron beda jissejjaħ ukoll ta' Josafat fl-ewwel snin tas-seklu IV. Il-Lhud, meta reġgħu lura mill-eżilju ta' Babilonja, bnew in-naħa tal-lvant ta' Ġerusalem, bieb li kien iħares fuq il-wied ta' Cedron, u sejħulu, **il-bieb tal-għassa.** Fis-sekli II u III l-isem ġie mibdul f'dak **ta' bieb tal-ġudizzju,** u dik in-naħa tal-wied, li kienet tħares lejn dan il-bieb, issejħet il-**wied tal-ġudizzju — Wied Jehosciaphat,** mingħajr l-ebda ħsieb li dan il-wied ta' Josafat jingħaqad mal-fehma ta' ġudizzju universali.

## WIED ĠOSAFAT U L-ATTI TA' L-APPOSTLI

Xi kommentaturi ta' l-Iskrittura Mqaddsa jgħaqqdu Wied Ġosafat mal-fatt tat-Tlugħ fis-Sema ta' Ġesù minn fuq l-għolja taż-Żebbuġ. Fil-ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli (Atti I, 9-12), insibu miktub: " . . . U sħaba ħaditulhom minn quddiem għajnejhom. U kif kienu jħarsu lejn is-sema, hu u sejjer, dehrulhom żewġt irġiel, lebsin l-abjad u qalulhom: 'Ja rġiel mill-Galilija, x'intom tħarsu lejn is-sema? Dak Ġesù, li kien meħud minn magħkom fis-sema **hekk għad jerġa' jiġi, bħalma rajtuh sejjer fis-sema'."**

Mela jekk tela' minn fuq il-għolja taż-Żebbuġ, minn fuq l-istess għolja taż-Żebbuġ għad jinżel fuq din l-art biex itemm il-ġudizzju tiegħu. U l-għolja taż-Żebbuġ, kif rajna, qiegħda f'naħa waħda tal-Wied ta' Ġosafat. Ma rridux niċħdu l-loġiċità ta' dan l-argument; anzi nżidu ngħidu li hija ħaġa wisq xierqa li Ġesù jinżel jagħmel ħaqq fuq il-ħajjin u l-mejtin proprju f'dak il-post fejn mill-bnedmin ġie mġiegħel ibati l-agħar fost it-tbatijiet. Imma l-loġiċità ta' l-argument

mgħaqqad ma' ħaġa li tidher wisq xierqa, ma tħajjarniex biex intennu li proprju Ġesù għandu **żgur** jinżel biex jagħmel il-ġudizzju universali f'dan il-wied. Wisq aktar li kien San Ġirolmu l-ewwel wieħed li fl-390 għaqqad l-idea tal-wied ma' l-idea tal-ġudizzju universali. San Ċirillu d'Alessandrija jwarrab l-idea u jsejħilha vojta u bla saħħa.

Dan li qed niktbu ma jfissirx li l-ġudizzju universali ma jsirx jew inkella li ma jistax ma jsirx f'Wied Ġosafat, għax dan il-ġudizzju jsir żgur u x'imkien irid isir, imma qegħdin ngħidu li l-idea m'hiex imsejsa biż-żejjed fil-kitba ta' l-Iskrittura, imma hija konvinzjoni popolari li trabbiet bil-mod il-mod matul iż-żminijiet minħabba ċerti ċirkustanzi storiċi li mhux dejjem laqtu sewwa s-sens u t-tifsir tal-ġrajjiet tagħhom.

P. MIKIEL CATANIA, o.f.m.

# AĦBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

## MEXXEJ ĠDID GĦALL-KUSTODJA TA' L-ART IMQADDSA

F'jum tax-xahar ta' Lulju, ir-Radju Vatikana ħabbret li bħala Mexxej ġdid għall-Art Imqaddsa ġie maħtur, minflok ir-Rev.mu P. Lino Cappielli, li għalaq iż-żmien tiegħu, ir-Rev.mu P. ALFONS M. CALABRESE, O.F.M., li hu iben ta' l-istess Kustodja ta' l-Art Imqaddsa. Nifirħulu u nixtiequlu "AD ALTIORA".

Aħna, li nafu tajjeb u aħna ħbieb sà minn żmien ilu ta' dan il-Kustodju l-ġdid, fraħna fuq li fraħna għal din l-għażla tiegħu, għax aħna żguri li hi ta' ġid għall-Kustodja. Żagħżugħ li bilkemm għalaq il-51 sena, imħarreġ sewwa fix-xogħlijiet tal-Missjoni, billi għal bosta snin kien "Id-Direttur taċ-Centru Stampa u Propaganda għall-Kummissarjati ta' l-Italja u ta' Malta", u, barra milli jaf sewwa t-Terra Santa, jaf ukoll il-ħtiġijiet tagħha. Kien hu li bil-ħidma tiegħu saru dawk il-films fuq it-Terra Santa, li hekk taw dawl fuq dik l-ewwel Missjoni, li hi l-ġawhra tal-Missjonijiet Franġiskani.

## IR-REV.MU P. MIN. ĠENERAL TAL-FRANĠISKANI JŻUR L-ART IMQADDSA

Ir-Rev.mu P. COSTANTINU KOZER, Ġeneral ta' l-Ordni Franġiskan, għamel żjara, bħala pellegrin, lill-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa. Żar Ċipru, l-Eġittu, is-Sorija, il-Libanu, il-Ġordanja u Iżrael. Ma ħalla ebda Knisja jew Santwarju fejn ma marx biex bil-persuna tiegħu ta' Missier ifarraġ lil kull Missjunarju li qed jaqdi dik il-Missjoni hekk għażiża għalina l-Franġiskani.

## OSSERVATORJU TA' L-ASTRONOMIJA FUQ IS-SINAJ

Il-Professur NEEMAN stqarr u ddikjara li fuq l-għolja tas-Sinaj, qrib il-Monasteru ta' Santa Katerina se jitwaqqfu, ma jdumx, teleskopji mill-aktar perfezzjonati tad-dinja. U l-Professur titulari tal-Kattedra tal-fiżika ta' l-Università ta' Tel Aviv qal ukoll, li grupp ta' esperti huma ġa fuq l-għolja tas-Sinaj jistudjaw l-atmosfera ta' dawk l-inħawi.